# IL-PAPAT TAL-15 SEKLU

**PAPA MARTINU V (1417 – 1431)**

Wara snin ta' agunija, ix-xizma l-kbira ta' l-occident giet fi tmiemha. Girgor XII, il-papa legittimu, wara li sejjah koncilju li kien diga' migbur gewwa Costance, abdika. Giovanni XXIII,il-pretenditur minn Pisa gie imnehhi. Benedittu XIII il-pretenditur minn Avignon baqa' jsostni ta' rasu li ghandu jibqa' jahkem il-knisja ta' Kristu; ir-rejiet u nies tal-knsija flimkien mal-koncilju ppruvaw jipperswaduh biex jinzel. Imma mhux huwa. Benedittu XIII, minkejja li ra li kulhadd abbandunah,



MARTINVS·V·PP·ROMANVS

sanhansitra anke il-qaddis u habib tieghu San Vincenz Ferrer, irtira gewwa Peniscola u minn hemm ikkundanna lil opponenti tieghu. Meta r-renju ta' Spanja abbandunah u ssottomenta ruhu lejn Constance, infethet it-triq lejn elezzjoni li kellha tkun accettata minn kull parti.

Wara tlett ijiem konklavi Oddone Colonna giet elett unanimament fil-11 ta' Novembru tas-sena 1417. Huwa ghazel l-isem ta' Martinu V. Issa l-insara kollha ghal darb'ohra kienu qed jirrikonoxxu l-istess papa.

Iben Agapito Colonna u Katerina Conti, Oddone Colonna kien gej minn nisel ta' familja antika u distinta gewwa Ruma. Twieled gewwa Genazzano hdejn Ruma ghall- habta tas-sena 1368. Sar midhla tal-kurja rumana fis-sena 1378 u nhatar kardinal djaknu mill-Papa Innocent VII. Fis-sena 1390 huwa gie elett isqof ta' Urbino imma qabel biss irceva il-konsagrazzjoni episkopali huwa irrizenja. Kien ukoll arcipriet tal-Basilka Lateran mis-sena 1412.

Huwa gie maghzul Papa fil-11 ta' Novembru fil-festa ta' San Martin fil-Koncilju ta' Kostanz minn konklavi maghmul minn 23 kardinal u 30 delegat tal-koncilju li kienu ilkoll taw sehemhom biex tinhall ix-xizma ta' l-antipapa.

Martin V kien bniedem gharef u kapci biex imexxi. Wara l-elezzjoni tieghu huwa kkonferma r-regolamenti kollha mahruga mill-predecessuri tieghu




dwar il-kancellerija rumana, regolamenti li kienu suggett ta' hafna tgergir. Meta Martin V hareg il-Bolla biex jeqred lil Hussiti u eretici ohra fil-Boemja huwa ta bidu ghall-gwerra Hussita.

Huwa halla Konstanz f'Mejju tas-sena 1418 imma vvjagga bil-mod , dam xi ftit gewwa Firenze u dahal gewwa Ruma mhux qabel Settembru 1420 meta l-ewwel hidma tieghu kienet li jgib mill-gdid il-prosperita' u l-ordni li f'dawn iz-zminijiet Ruma anqas biss ma kienet taf bihom.

F'dawk iz-zminijiet gewwa Forli iltaqa' sinodu tal-Lhud u baghat legati b'rigali ghonja lil Papa Martin V u talbuh biex inehhi ligijiet oppressivi li kien ghamilhom l-antipapa Benedittu XIII u li l-Lhud jergghu mill-gdid igawdu dawk il-privileggi li kellhom taht papiet ta' qabel. Il-missjoni irnexxiet.

Skond id-degrieti ta’ Konstanz konfermati minnu, kellu jsir koncilju kull hames snin; il-Papa Martin V laqqa’ l-ewwel wiehed gewwa Pavia u imbaghad gewwa Siena, li minhabba li kellu attendenza fqira malajar gie xolt. Kellhom jghaddu imbaghad seba’ snin ohra biex rega’ jiltaqa’ koncilju iehor gewwa Basilea imma ftit wara li beda’ Martin V miet bil-puplesija fl-20 ta’ Frar 1431. Huwa gie midfun gewwa San Gwann Lateran f’Ruma.

Martin V qatt ma wasal biex jibda’ riforma imma xi haga tajba ghamel ukoll. Ta l-ghajnuna tieghu lill-Frangiskan San Bernardino ta' Siena biex tinxtered id-devozzjoni lejn l-Isem Imqaddes ta' Gesu'. Meta hatar kardinali, hatar lil dawk li kien jisthoqqilhom. Hadem hafna ghar-Ruma u l-Istati Papali, tant li hu maghruf "bhala t-tieni fundatur tal-monarkija papali u ta' Ruma."